# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Jannar 2024**

**Numru 7**

**Rikors Numru: 1265/11/1JRM**

**Josette Agius u Carmel Agius għan-nom u in rappreżentanza ta' binhom Sean Agius; u Dean Agius**

**v.**

**Gary Falzon u Maria Rosaria Falzon u b'digriet tal-14 ta' Frar 2012 interveniet fil-kawża s-soċjeta` Middlesea Insurance p.l.c.; u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2020, stante bdil fl-isem tas-soċjeta` intervenuta fil-mori tal-proċeduri, l-isem "Middlesea Insurance p.l.c." ġie korrett għal "Mapfre Middlesea p.l.c."**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. **Din hija sentenza preliminari rigwardanti l-eċċezzjoni tan-**

**nullita` tal-appell inċidentali sollevata mis-soċjeta` intervenuta Mapfre Middlesea plc.**

2. Dan il-każ jirrigwarda inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq il-Bidnija, limiti tal-Mosta, fit-3 ta' Ottubru 2010. Il-konvenut Gary Falzon kien qiegħed isuq il-vann ta' ommu l-konvenuta Maria Rosaria Falzon, u miegħu kellu passiġġieri l-atturi aħwa Dean u Sean Agius, dak iż-żmien minorenni. Riżultat tal-ħabta l-aħwa Agius sfaw midruba u għalhekk saret din il-kawża għal-likwidazzjoni tad-danni fir-rigward.

3. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-15 ta' Mejju 2018 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Qorti sabet li għall-inċident kienu jaħtu l-konvenuti Gary Falzon u Maria Rosaria *in solidum* u kkundannathom iħallsu lill-atturi s-somma kumplessiva ta' €52,764 (*ossia* s-somma €7,050 dovuta lil Sean Agius in linea ta' *damnum emergens*, u s-somma ta' €45,714 dovuta lil Dean Agius in linea ta' *lucrum cessans*).

4. Minn tali deċiżjoni ġew interposti kemm appell prinċipali u kif ukoll appell inċidentali:

(a) fl-4 ta' Ġunju 2018 il-konvenuta Maria Rosaria Falzon interponiet **APPELL PRINĊIPALI** fejn talbet lil din il-qorti tħassar *in parte* s-sentenza appellata u tiddikjara:

(i) li mhix responsabbli għad-danni mġarrba mill-aħwa Dean u Sean Agius u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju; u

(ii) mingħajr preġudizzju u *in subsidium*, li l-istess aħwa Sean u Dean Agius kif ukoll ommhom Josette Agius kienu *in parte* responsabbli għall-istess inċident fil-proporzjon li għandu jiġi determinat mill-qorti u li konsegwentement għandhom jitnaqqsu d-danni f' tali proporzjon.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

(b) fid-19 ta' Lulju 2018 Josette Agius u Carmel Agius (għan-nom u in rappreżentanza ta' binhom Sean Agius) u Dean Agius irrispondew għall-appell prinċipali ta' Maria Rosaria Falzon u interponew **APPELL INĊIDENTALI** fejn talbu lil din il-Qorti tvarja s-sentenza billi:

1) tikkonfermaha f'dik il-parti li laqgħet it-talbiet tagħhom, ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u sabet lill-konvenuti solidalment responsabbli għad-danni mġarrba mill-aħwa Dean u Sean Agius riżultat tal-inċident; u

2) tvarjaha fejn illikwidat id-danni mġarrba mill-imsemmija atturi u minflok tillikwida d-danni fis-somma komplessiva ta' €82,191.50 jiġifieri €7,050 bħala *damnum emergens* dovuti lill-esponenti Sean Agius u €75,141.50 bħala *lucrum cessans* dovuti lill-esponenti Dean Agius jew somma verjuri.

Bl-ispejjeż tal-ewwel istanza kontra l-konvenuti kollha u bl-ispejjeż tat-tieni istanza kontra l-appellanti Maria Rosaria Falzon.

5. Għall-appell inċidentali wieġbu kemm il-konvenuta Maria Rosaria Falzon (fis-17 ta' Settembru 2018) u kif ukoll is-soċjeta` intervenuta Mapfre Middlesea plc (23 ta' Jannar 2020) fejn taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud.

6. Tliet snin u nofs wara li ppreżentat ir-risposta tagħha, proprju fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023, is-soċjeta` intervenuta eċċepiet in-nullita`

tal-appell inċidentali. Ġie vverbalizzat is-segwenti:

*"L-Av. Vella għall-intervenuta fil-kawża tirrileva illi ai termini tal-Art. 787(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appell inċidentali intavolat minn Josette u Carmel Agius għan-nom ta' binhom Shaun* **(*recte*: Sean)** *Agius, u Dean Agius, huwa null in vista li meta ġie ntavolat l-istess appell Shaun* **(*recte*: Sean)** *Agius kien diġa' maġġorenni, iżda fl-ebda mument ma assuma l-atti f' ismu, u fil-fatt l-appell inċidentali ġie ntavolat mill-ġenituri tiegħu li ma kinux debitament awtorizzati għal dan l-iskop.*

*L-Av. Saliba jitlob żmien biex jirrispondi għal din it-talba.*

*L-Av. Sciberras Camilleri għal Maria Rosaria Falzon taderixxi ruħha mat-talba.*

*Fi żmien xahar mil-lum is-soċjeta` Mapfre u Maria Rosaria Falzon huma awtorizzati li jagħmlu nota bis-sottomissjonijiet tagħhom dwar din l-eċċezzjoni tan-nullita`, b'notifika nformali lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu wkoll xahar żmien biex jirrispondi għal din l-eċċezzjoni.*

*L-appell qed jiġi differit għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-appell inċidentali għall-15 ta' Jannar 2024 fit-8:15am."*

7. Fis-26 ta' Lulju 2023 is-soċjeta` intervenuta ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. L-argumenti tagħha, in suċċint, huma s-segwenti:

- Meta saret il-kawża fl-2011 Sean Agius kien minorenni iżda meta ġie intavolat l-appell fl-2018 kien laħaq l-eta` tiegħu. Għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li jiġi rappreżentat mill-ġenituri tiegħu; anzi kien hemm il-ħtieġa li ma jkunx rappreżentat minnhom billi jkun assuma l-atti.

- Biex il-ġenituri tiegħu jibqgħu jirrappreżentawh bħala maġġorenni kienu jeħtieġu awtorizzazzjoni speċifika.

- Mingħajr tali awtorizzazzjoni speċifika l-appell inċidentali tagħhom flimkien ma' binhom l-ieħor Dean huwa null ai termini tal-**Art. 787(1)** tal-Kap 12 li jipprovdi li "***Kull att ġudizzjarju li jsir minn persuna jew kontra persuna inkapaċi li toqgħod f' kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għaldaqshekk, huwa null*"**.

- Skont l-Art. **789(1)(a)** tal-Kap 12 l-eċċezzjoni tan-nullita` ta' atti

ġudizzjarji tista' tingħata "***jekk in-nullita` hija ddikjarat mil-liġi espressament*"**.

- Il-*proviso* tal-**<u>Art. 789</u>**, tal-Kap 12 li jipprovdi li ***"Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*"** mhux applikabbli għaliex id-difett mhux wieħed rimedjabbli: dan għaliex Sean Agius la huwa legalment inkapaċitat u lanqas ma jirriżulta li kien assenti minn Malta meta sar l-appell f'ismu.

- Għalkemm Sean Agius jista' jitlob li jassumi l-atti f'ismu, dak il-mument ikun jgħodd bħala d-data tal-preżentata tal-appell inċidentali u għalhekk jiġi li huwa *fuori termine.*

8. <u>Fil-25 ta' Awwissu 2023</u> ġiet ippreżentata nota ta' sottomissjonijiet ta' Josette Agius et, fejn saru s-segwenti argumenti bi tweġiba għall-eċċezzjoni tan-nullita` in kwistjoni :

- L-appell inċidentali ġie intavolat mhux biss minn Josette u Carmel Agius f'isem binhom Sean, iżda wkoll minn Dean Agius personalment. <u>Għalhekk tali appell qatt ma jista' jitqies bħala null fil-konfront ta' Dean Agius.</u>

- Ma hemm xejn fil-liġi li jrendi atti ġudizzjarji nulli għas-sempliċi fatt li persuna – li fil-bidu tal-proċedimenti tkun minorenni – ma tkunx assumiet l-atti tal-kawża meta tilħaq l-eta`. L**<u>-Art. 810A</u>** tal-Kap 12 jipprovdi li "***Fil-każ ta' xi bdil ieħor tal-partijiet f'kawża għal raġuni oħra li ma tkunx il-mewt pendente lite ta' xi parti fil-kawża, min ikun jixtieq jidħol fil-kawża għandu jippreżenta rikors li fih jitlob awtorizzazzjoni sabiex jassumi l-atti tal-kawża flimkien ma' jew***

***minflok dik il-parti li hekk għandha x' taqsam, u s-sentenza tkun ukoll torbot lil dik il-parti li tkun assumiet l-atti tal-kawża***."

- Minn dak li jipprovdi l-Art. 810A huwa ċar li l-assunzjoni tal-atti mhijiex tassattiva iżda diskrezzjonali. Għalkemm Sean Agius kellu dritt jidħol fil-kawża u jassumi l-atti flok il-ġenituri tiegħu, kellu d-dritt li jagħżel li ma jagħmilx dan.

- L-appell inċidentali huwa kontinwazzjoni ta' proċeduri li bdew leġittimament u skont il-liġi.

- L-Art. 789 isemmi l-istanzi fejn tista' tiġi eċċepita n-nullita` ta' att ġudizzjarju: fejn persuna ma tkunx assumiet l-atti wara li tilħaq l-eta` tagħha u fejn ġenitur jibqa' jirrappreżentaha mhix ikkontemplata. Bil-kontra, l-Art. 810A ma jgħix li l-assunzjoni tal-atti hija mandatorja.

- Josette u Carmel Agius m'humiex, u qatt ma kienu persuni "inkapaċi" fis-sens tal-Art. 787(1) ċitat mis-soċjeta` intervenuta u kif qiegħda tippretendi s-soċjeta` intervenuta. Il-kelma "inkapaċi" ma tkoprix sitwazzjoni fejn ġenitur jidher f'isem ibnu li jkun laħaq l-eta`.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

9. L-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell inċidentali sollevata mis-soċjeta` intervenuta hija bbażata fuq il-fatt li Sean Agius ma kienx għadu minorenni meta ġie ppreżentat l-appell inċidentali fid-19 ta' Lulju 2018. L-argument tagħha hu li Sean Agius, meta laħaq l-eta' tiegħu, messu assuma l-atti f'ismu, u iżżid tgħid li ladarba l-appell inċidentali ġie intavolat mill-ġenituri tiegħu f'ismu (minkejja li huwa maġġorenni) mingħajr ma ġew debitament awtorizzati sabiex jirrappreżentawh għal dan l-iskop, għandu jsegwi li l-appell inċidentali huwa null.

10. Din il-qorti tosserva fl-ewwel lok li minkejja li r-risposta għall-appell prinċipali ta' Maria Rosaria Falzon u l-appell inċidentali sar taħt is-segwenti intestatura,

*"Risposta ta' appell u appell inċidentali ta' Josette Agius (KI 125672M) u Carmel Agius (KI 235767M) għan-nom u in rappreżentanza ta' binhom Sean Agius (KI 247995M) u ta' Dean Agius (KI 217893M)***)",**

cioe` intestatura li tagħti x' tifhem li qed isir appell inċidentali mis-sentenza (i) kemm da parti ta' Sean Agius (kif rappreżentat mill-ġenituri tiegħu) u (ii) kif ukoll da parti ta' Dean Agius f'ismu proprju, **fil-verita` sar appell inċidentali da parti ta' Dean Agius biss.**

11. Għalkemm *ictu oculi* jidher li fl-appell inċidentali din il-Qorti qiegħda tintalab tvarja kemm id-danni likwidati favur Dean Agius kif ukoll dawk likwidati favur Sean Agius, *ossia*:

> *"tvarjaha* (s-sentenza) *fejn illikwidat id-danni mġarrba mill-imsemmija atturi u minflok tillikwida d-danni fis-somma komplessiva ta' €82,191.50, jiġifieri €7,050 bħala damnum emergens dovuti lill-esponenti Sean Agius u €75,141.50 bħala lucrum cessans dovuti lill-esponenti Dean Agius, jew somma verjuri*"

fil-verità ma hija qiegħda tintalab tvarja xejn mill-ammont ta' €7,050 likwidat favur Sean Agius, għaliex fil-fatt qiegħda tintalab tillikwida d-danni sofferti minn Sean Agius fl-ammont ta' €7,050, proprju kif għamlet Ewwel Qorti.

12. Effettivament l-unika ħaġa li din il-qorti qiegħda tintalab tagħmel permezz tal-appell inċidentali hu li tawmenta s-somma ta' €45,714 likwidata mill-Ewwel Qorti bħala danni dovuti lil Dean Agius in linea ta' *lucrum cessans* għal €75,141.50 (jew somma oħra verjuri). Mhix qiegħda tintalab tawmenta wkoll is-somma ta' €7,050 likwidata mill-Ewwel Qorti bħala danni dovuti lil Sean Agius in linea ta' *damnum emergens.*

13. **Ifisser għalhekk li l-uniku appell inċidentali li jeżisti huwa appell inċidentali da parti ta' Dean Agius fir-rigward tad-danni likwidati fil-konfront tiegħu.**

14. Ladarba din il-Qorti qiegħda tqis li ma ġie inavolat l-ebda appell inċidentali fir-rigward ta' Sean Agius, mhux il-każ li tinvestiga l-validita` o meno ta' appell inċidentali li ma jeżistix.

15. Għalhekk l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-appell inċidentali sollevata mis-soċjeta` intervenuta tirriżulta kompletament infondata u konsegwentement qiegħda tiġi miċħuda.

16. L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandhom jitħallsu mill-istess soċjeta` intervenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss